

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1846

tat-23 ta' Novembru 2018

**li temenda d-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi sabiex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha.

Billi:

- (1) It-Taqsima I.1 tal-Anness I, it-Taqsima II.1 tal-Anness II u t-Taqsima III.1 tal-Anness III tad-Direttiva 2008/68/KE jirreferu għad-dispożizzjonijiet stipulati fi ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferrovija u fuq passaġġi tal-ilma interni kif iddefiniti fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva
- (2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawk il-ftehimiet internazzjonali jiġu aġġornati kull sentejn. Għalhekk, il-verżjonijiet emendati l-aħħar ta' dawk il-ftehimiet għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019, bi perjodu transizzjonali sat-30 ta' Ġunju 2019.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li t-Taqsima I.1 tal-Anness I, it-Taqsima II.1 tal-Anness II u t-Taqsima III.1 tal-Anness III tad-Direttiva 2008/68/KE jiġu emendati skont dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

### Artikolu 1

#### Emendi għad-Direttiva 2008/68/KE

Id-Direttiva 2008/68/KE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Anness I, it-Taqsima I.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

#### "I.1. ADR

Fl-Annessi A u B tal-ADR, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2019, huwa mifhum illi l-frażi "parti kontraenti" hija sostitwita bil-frażi "Stat Membru" kif xieraq;"

2. Fl-Anness II, it-Taqsima II.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

#### "II.1. RID

Fl-Anness tal-RID, li jidher fl-Appendiċi C tal-COTIF, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2019, huwa mifhum illi l-frażi "Stat kontraenti tal-RID" hija sostitwita bil-frażi "Stat Membru" kif xieraq;"

3. Fl-Anness III, it-Taqsima III.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

#### "III.1. ADN

Fir-Regolamenti annessi tal-ADN applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2019, kif ukoll l-Artikoli 3(f), 3(h), 8(1), 8(3) tal-ADN, huwa mifhum illi l-frażi "parti kontraenti" hija sostitwita bil-frażi "Stat Membru" kif xieraq."

<sup>(1)</sup> ĠUL 260, 30.9.2008, p. 13.

*Artikolu 2***Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2019. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4***Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2018.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Violeta BULC  
Membru tal-Kummissjoni*

---